# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR (GHAWDEX)

## GUDIKATUR : Dr. Grazio Mercieca LL.D.

## Seduta ta' nhar it-Tnejn, 24 ta' Gunju 2002

## Avviz numru : 7/2002GT(GM)

**Maria Camilleri**

**vs**

**Yvonne Debono bhala mandatarja tal-imsiefer Brian John Grima**

**It-Tribunal ,**

**Ra l-avviz tat-talba, ir-risposta ghall-istess u l-kontro-talba, kif ukoll ir-risposta ghall-istess;**

**Sema' l-provi**

**Ikkunsidra**

**Illi ghalkemm l-attrici fir-risposta taghha ghall-kontro-talba tal-konvenuta nomine tallega li kienet iddur bid-decujus, u li kien ghalhekk li waqt hajtu taha s-somma ta' LM700 fi flus kontanti, u tikkonferma din l-allegazzjoni bil-gurament a fol 10, stranament ma tixhed xejn dwar f'hiex kienu jikkonsistu dawn l-allegati servigi fid-deposizzjonijiet taghha a fol 10 sa 11 u 47 tal-process. Stranament ukoll id-decujus hallielha legat ta' LM800 u ma jsemmi xejn dwar sevigi. Skond il-gurisprudenza, il-Qorti ghandha toqghod ferm attenta qabel temmen allegazzjonijiet ta' servigi, kuri u assistenzi resi, kif ukoll ta' stqarrijiet minn decujus bl-intenzjoni tieghu li jikkumpensa lil xi hadd, specjalment meta ma jkunx hemm ix-xhieda ta' terzi persuni. Apparti dawn il-kunsiderazzjonijiet, ix-xhieda tal-attrici f'dan ir-rigward mhix attendibbli billi jirrizulta li d-decujus kiser saqajh, dam tlett ijiem mal-art, u kienet il-gara li dahlet tassistih u mhux l-attrici.**

**It-Tribunal l-anqas jemmen il-maggor parti tad-deposizzjoni tal-attrici, minhabba l-konflitti serji ohrajn li rrizultaw fil-provi minnha mressqa fosthom:**

1. **a fol 10 l-attrici xehdet li ma tafx min hu l-werriet tad-decujus minkejja illi hi stess qed tharrku ghall-hlas tal-legat; u minkejja li lil Joseph Bugeja qalulu li l-ghamara fil-post tad-**

**decujus ma kinitx taghhom u li kellhom jghidu lis-sid (vide fol 55);**

2. **filwaqt li ssostni li tat l-istatwa kbira ta' San Pietru u San Pawl lil neputija taghha (mart Michael Camilleri Cauchi) (fol 72) wara l-mewt tad-decujus ghax dan hekk kien qalilha li kienet ix-xewqa tieghu, Michael Camilleri Cauchi, prodott mill-attrici stess, qal li l-istatwa tahielu d-decujus stess meta kien ghadu haj.**
3. **B'mod konvenjenti ma ssemmi xejn dwar statwi ohrajn li kien hemm, bhal angli, mahdumin mill-istess Michael Camilleri Cauchi, li wkoll kienu ta' certu valur.**

**Din l-evaluwazzjoni tal-provi tal-attrici qieghda ssir independentement mix-xhieda tal-konvenut Brian John Grima mressqa permezz tal-affidavit tieghu, li wkoll tikkontradixxi l-allegazzjonijiet attrici.**

**Filwaqt illi jirrizulta li huma dovuti LM1050 kif mitluba fl-avviz tat-talba, jirrizulta wkoll illi l-attrici hadet mill-assi tad-decujus mill-inqas LM700 fi flus kontanti; u statwi – ta' San Pietru u San Pawl, kif ukoll ohrajn – li t-Tribunal, arbitrio boni virii u b'mod konservattiv hafna jivvaluta fis-somma ta' LM500.**

**Ghaldaqstant dan it-Tribunal jilqa' t-talbiet attrici kif dedotti fl-avviz, izda jichad l-eccezzjonijiet tal-attrici ghall-kontro-talba tal-konvenuta nomine; jilqa' l-istess kontro-talba, jillikwida l-ammont tal-istess kontro-talba fis-somma ta' LM1,200 u ghalhekk wara tpacija bejn l-ammonti mitluba fit-talba u kontro-talba rispettivament, jikkundanna lill-attrici biex thallas lill-konvenuta nomine s-somma ta' LM150, bl-imghax mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-hlas effettiv, u bl-ispejjez tat-talba u l-kontro-talba kif ukoll id-drittijiet professjonali tal-avukat tal-konvenuta kollha a kariku tal-attrici.**

**(ft) Grazio Mercieca**
**Gudikatur**
**(ft) Mary Jane Attard**
**Deputat Registratur**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur**